Marie-Claire Farrugia

vs

Grech's Lighting & Interiors

CCT G13/21/MS

10 ta' Novembru 2023

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fl-20 ta' Ottubru 2021, fejn talbet ir-rifuzjoni ta' erba mija tlieta u sittin euro (€463.00), prezz ta' linfa u tnax il-bozza kif ukoll zewg fanali inkluz il-bozoz, kollha mixtrija mill-azjenda intimata, liema oggetti, jew partijiet minnhom, kienu difettuzi.

Ra r-risposta tal-azienda intimata li cahdet it-talbiet rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan ghaliex kull ma kellhom bzonn l-oggetti kienu li jigu ssettjati tajjeb. L-azjenda intimata kienet dejjem disposta li tirranga s-settings tal-oggetti mibjugha.

Ra l-atti kollha tal-kawza

Sema' x-xhieda bil-gurament

Ikkunsidra

Illi skond l-avviz tar-rikorrenti, fil-10 ta' Lulju 2021 hija ghamlet ordni ghall-ammont ta' oggetti, u zewg items minn sebgha kienu difettuzi. Wahda minnhom kienet linfa li waslet bla pin fejn tehel wahda mill-bozoz. Hija kkuntatjat lill-azjenda intimata u din giet mibdula immedjatment. Pero' t-tieni linfa regghet kienet difettuza ghax il-pin kien hiereg il-barra u meta kkuntatjat lill-intimat qallha biex ittiha daqqa ta' turnavit halli tidhol il-gewwa. Hija ma accettatx ghax ma reditx prodott difettuz u ghalhekk talbet li tinghata lura l-prezz tal-linfa (€148.00) kif ukoll il-prezz tal-bozoz taghha (€42) - total ta' €190.00.
Ir-rikorrenti ilmentat ukoll fuq linfa ohra li waslet diffettuza - din il-linfa nxtrat ma' ohra (bhala par) u ghalkemm wahda biss kienet difettuza, u ghandha bicca katina maqtugha, kienet qed titlob ir-rifuzjoni tat-tnejn - valur ta' €252.00.

Illi r-rikorrenti xehdet darbtejn quddiem dan it-Tribunal, u spejgat illi l-ewwel linfa li xtrat giet mibdula. Il-problema kienet illi l-parti fejn tidhol il-bozza kienet vojta u ma kienx hemm ma' fejn taqbad il-bozza. Din giet mibdula u gabu linfa ohra - din id-

darba kien hemm zewg pins telghin 'il fuq u ma kienx hemm fejn taghmel bozza. Il-linfa gabuha mill-stock li kellhom -giet f'kaxxa sigillata. Ma eskludietx illi setghu qalulha li ma kenitx difettuza u kellha bzonn tigi ssetjata, pero' insistist lii huma qalulha biex taghtiha daqqa ta' turnavit.

Illi xehdet ukoll Louise Grech, rapprezentanta tas-socjeta' intimata li kkonfermat illi r-rikorrenti kienet xtrat numru ta' affarijiet mll-hanut taghhom, fosthom linfa. Ftit granet wara li xtrat il-linfa, cemplet u kellmet lilha ghaliex kien hemm xi problema fil-linfa, baghtet xi ritratti u mal-ewwel l-linfa giet mibdula. Grech tghid illi huma qabbdu u tawha linfa ohra, anke minhabba l-fatt illi hi tghix Malta, izda wara li kkonsenjaw it-tieni linfa, ir-rikorrenti regghet cemplet dakinhar stess, jew l-ghada, u qalet li kien hemm problema ohra. Talbuha ritratt biex jaraw x'kienet il-problema u r-rikorrenti kellmet ma' missierha, li min-naha tieghu qallha li dik tista' facilment tigi rrangata. Offrielha li jew taghmilha hi bit-turnavit jew inkella jmorru ghandha u jaghmluhielha, pero' hi ma accettatx.

Ikkunsidra

Illi jibda biex jinghad illi ghalkemm fl-avviz tat-talba, ir-rikorrenti qieghda titlob is-somma ta' €463.00, prezz ta' linfa u zewg fanali (inkluz il-bozoz), bix-xhieda taghha, jidher car illi l-ilment taghha hija biss fuq il-linfa. M'ghamlet l-ebda accenn fuq iz-zewg fanali, u ghalhekk it-Tribunal sejjer jillimita t-talba taghha biss fuq il-linfa, li nxtrat ghall-prezz ta' €148.00.

Illi hemm qbil bejn il-partijiet illi l-ewwel linfa li nxtrat giet mibdula. Fuq it-tieni linfa, ghalkemm ir-rikorrenti qieghda tghid illi anke din kienet difettuza, is-socjeta' intimata qieghda tghid illi din hija problema ta' *setting* li setghet facilment tigi msewwija b'daqqa ta' turnavit, u li huma kienu disposti li jmorru ghandha u jaghmluhielha, pero' skond huma, hi ma accetatx.

Fil-perkors tal-kawza u ta' dawn il-proceduri, sar ftehim iehor sabiex il-linfa tigi ccekjatha u r-rikorrenti hadet il-linfa fil-hanut taghhom, u hallietha hemm, biex tigi ccekjata, bil-ftehim li l-intimati jehduha fir-residenza tar-rikorrenti fis-6 ta' Mejju 2023 bejn il-5pm u s-6pm. Mandankollu, minkejja li huma marru fir-residenza taghha u cemplu lir-rikorrent diversi drabi, hi la rrispondiet it-telefonati u lanqas fethitilhom. Illi dan bl-ebda mod gie irrifjutat mir-rikorrenti, li min-naha taghha qalet illi l-prodott huwa difettuz u m'ghandu qatt jigi uzat minhabba konsegwenzi illi jistghu jinholqu, li jafu jwasslu ghal tragedji.

Ikkunsidra

Illi jibda biex jinghad illi t-Tribunal m'ghandux dubju illi l-linfa (it-tieni wahda), kellha dawn iz-zewg pins telghin 'il fuq, u li din kienet ir-raguni ghaliex ir-rikorrenti

lmentat fuq il-linfa. M'ghandux dubju lanqas li sar diskors fis-sens illi s-socjeta' intimata issugeriet illi dik ma kienx diffett, izda problema biss ta' *setting l*i seta' jigi rrangata, ankę b'daqqa ta' turnavit. Dan kollu gie konfermat min-naha tal-azjenda intimata.

Illi t-Tribunal huwa daqstant konvint illi r-rikorrenti ma kellha l-ebda intenzjoni illi tonora l-ftehim li ntlahaq mill-partijiet quddiem dan it-Tribunal, meta hi accetat illi tiehu lura l-linfa sabiex tigi ccekjatha min-naha tas-socjeta' intimata, u terga' tigi ritornata ghandha. Dan kien hela ta' hin u kien ikun ahjar li kieku r-rikorrenti ma acettatx il-ftehim. It-Tribunal, filwaqt li jiccensura dan l-agir u anke t-ton li r-rikorrenti uzat fin-nota responsiva taghha, jaghmilha cara, illi r-rikorrenti qatt ma kienet obbligata jew marbuta biex taccetta il-linfa, kontra r-rieda taghha, pero' xorta wahda, missha zammet kelmtha u fethet il-bieb x'hin marru bil-linfa.

Illi, sakemm il-linfa tigi mwahhla u mqabbda mal-elettriku, ir-rikorrenti mhux ser tkun f'posizzjoni illi tkun taf jekk il-linfa tahdem jew le, u fic-cirkostanzi tal-kaz u anke peress illi l-linfa kellha dawn iz-zewg pins telghin 'il fuq, kien ikun ahjar jekk dan il-process sar fil-mument meta l-linfa thalliet fil-hanut.

Ghalhekk, meta qies ic-cirkostanzi u anke l-fatt illi r-relazzjonijiet bejn il-partijiet qrasu u marru mill-hazin ghall-aghar, jidhirlu illi ma baqax lok ghal kwalunkwe tip ta' transazzjoni bejn il-partijiet.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parjzalment it-talba tar-rikorrenti u jikundanna l-azjenda intimata illi tirrifondilha s-somma ta' mija u tmienja u erbghin euro (€148.00), bi dritt tas-socjeta' intimata illi zzomm il-linfa, mertu tal-kaz.

Michela Spiteri LL.D
Arbiter